MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2005

Numru 5747/2005

**Il-Pulizja**
**(Spettur Mario Tonna)**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**v.**

**David Norbert Schembri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors presentat illum mis-*Senior Probation Officer* Mariella Camilleri li permezz tieghu hija infurmat lil din il-Qorti – kif kienet giet ordnata taghmel bid-digriet tal-bierah, 22 ta’ Dicembru 2005 – bl-ezitu ta’ l-ezami ta’ l-urina ta’ l-intimat imputat David Norbert Schembri;

Rat ukoll ir-rikors ta’ l-Avukat Generali, presentat ukoll illum, li permezz tieghu, in vista ta’ l-imsemmi rizultat, huwa talab li din il-Qorti tnehhi l-beneficcju tal-helsien mill-arrest ta’ l-imputat u tordna l-arrest tieghu mill-gdid;

Rat l-atti kollha relevanti; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll minghajr gurament lil Dott. Joseph Spiteri u lis-*Senior Probation Officer* Mariella Camilleri, kif ukoll, bil-gurament, lill-istess David Norbert Schembri;

Ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-bierah, li nzammet wara rikors presentat fil-21 ta’ Dicembru 2005 mill-imsemmija ufficjal tal-*probation*, gie ikkonstata li l-imputat ma attendix l-*out patients*, kif kellu jaghmel, nhar it-Tlieta 20 ta’ Dicembru 2005. Huwa kellu jattendi hemhekk, kif kien gie lilu ordnat mill-psikjatra Dott. Joseph Spiteri (u dan konformement mad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-2 ta’ Novembru 2005) biex, fost affarijiet ohra, jaghti kampjun ta’ l-urina tieghu ghall-ezami. Fl-udjenza tal-bierah l-imputat fisser li huwa ma kienx hekk attenda semplicement ghax kellu xi xoghol gej fil-garaxx tieghu – huwa jinsab bil-beneficcju tal-helsien mill-arrest, però fil-forma hekk imsejha ta’ *“house arrest”*, skond l-imsemmi digriet tal-Qorti Istruttorja – u kien lehaq ghamel l-arrangamenti mal-burdnara. Fisser ukoll li huwa kien ipprova jikkomunika ma’ Dott. Spiteri biex jinfurmah li ma setax jattendi, però ma rnexxilux jaqbdu bit-telefon. Irrizulta, ghalhekk, li l-imputat deliberatament ghazel li flok ma jmur ghall-appuntament mal-psikjatra jattendi ghax-xoghol tieghu mal-burdnara fil-garaxx. Fl-udjenza tal-bierah din il-Qorti fissret lill-imputat il-gravità tan-nuqqas tieghu – fis-sens li kien <u>totalment inaccettabbli</u> li huwa jiddecidi, bla permess jew awtorizzazzjoni, li, flok ma joqghod ghall-kundizzjonijiet imposti fid-digriet tat-2 ta’ Novembru 2005, jattendi ghax-xoghol mal-burdnara. Fissret ukoll din il-Qorti f’dik l-udjenza li ghall dik id-darba biss ma kienitx ser tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest tieghu fit-termini ta’ l-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, izda li kienet serja minflok tordna li huwa jittiehed taht skorta l-Isptar Monte Carmeli (fejn dak il-hin kien ser ikun hemm l-imsemmi psikjatra) biex jaghti kampjun ta’ l-urina biex dan jigi analizzat. Il-kampjun ittiehed u gie analizzat.

Din il-Qorti giet illum infurmata, kemm mill-Avukat Generali kif ukoll mis-*Senior Probation Officer* is-Sinjura Camilleri, li l-ezami msemmi ta rizultat pozittiv. Il-psikjarta Dott. Spiteri spjega li r-rizultat jindika li l-imputat kien ha l-erojina bejn tnax sa hmistax-il siegha qabel ma ttiehed il-kampjun tal-urina, u li l-imputat ma kien qed jiehu ebda medicina li tista’ taghti rizultat pozittiv falz.

Dan ifisser li minkejja l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Istruttora – kundizzjonijiet intizi sabiex l-imputat izomm il-boghod mid-drogi projbiti – huwa jidher *prima facie* li ghadu qed jabbuza minn dawn id-drogi. Dan ir-rizultat jiggustifika wkoll is-suspetti li seta’ kellha l-imsemmija ufficjal tal-*probation* meta ippresentat l-ewwel rikors taghha tal-21 ta’ Dicembru 2005: ghalkemm l-intimat kien attenda ghal laqghat ohra mal-psikjatra, huwa naqas milli jattendi ghal laqgha li fiha kien ser jigi mitlub li jaghti kampjun ta’ l-urina. Isegwi li l-imputat huwa persuna <u>inaffidabbli</u>, anke fid-dawl tal-kundizzjonijiet imposti bid-digriet imsemmi tat-2 ta’ Novembru 2005.

Konsegwentement din il-Qorti, wara li regghet rat l-Artikolu 578 tal-Kodici Kriminali, u peress li ngiebet quddiema raguni tajba ghala ghandu jsir hekk, tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka in forza ta’ l-imsemmi Artikolu 578 id-digriet tal-Qorti Istruttorja tat-2 ta’ Novembru 2005, tordna l-arrest mill-gdid tal-intimat imputat David Norbert Schembri, u tordna li huwa jinzamm il-habs taht arrest preventiv kif kien fil-fatt qed jinzamm qabel id-digriet imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------